



OPINJONI NRU 04/2010

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

tas-26 ta' Awwissu 2010

**għal Regolament tal-Kummissjoni XXX/2010 li jstabbilixxi Regoli ta'
Implimentazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-Bdoti**

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi Regoli ta' Implimentazzjoni għall-ħruġ ta' Liċenzji tal-Bdoti. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala r-'Regolament Bażiku') kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009² jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
2. L-għan tar-regola proposta kien li jinħolqu rekwiżiti li jkunu proporzjonati għall-privileġġi tal-liċenzja kkonċernata u li jiġu pprovduti ċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali u l-infurzabbiltà tat-test regolatorju. Hija ħadet f'kunsiderazzjoni l-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea u l-liġi internazzjonali (ICAO), u l-armonizzazzjoni mar-regoli ta' awtoritajiet oħrajn tal-imsieħba ewlenin tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-għanijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku. Aktar 'il quddiem hija kienet ibbażata fuq l-Istandards ICAO u l-Prattiċi Rakkomandati, kif ukoll fuq Rekwiżiti Konġunti tal-Avjazzjoni (JARs), u hija f'aderenza stretta mal-liġi tal-UE, speċifikament mar-Regolament Bażiku. Ir-regola proposta ġiet abbozzata b'kunsiderazzjoni dovuta għas-sikurezza, il-prinċipji regolatorji u d-distribuzzjoni attwali tat-test bejn il-liġi riġida u l-liġi flessibbli. Barra minn hekk, huma inklużi dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn NPAs għal JAR-FCL li kienu f'fażi avanzata ta' adozzjoni fis-sistema tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA), iżda li ma għaddewx mill-proċess regolatorju sħiħ minħabba l-għeluq tal-JAA.

II. Konsultazzjoni

3. L-NPA 2008-17 kien ippubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija) fil-5 ta' Ġunju 2008 għal konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Bażiku u l-Artikoli 5(3) u 6 tal-Proċedura ta' Regolamentazzjoni³.
4. L-NPA 2008-17 kien maqsum fi tliet dokumenti separati:
 - L-NPA 2008-17a kien fih in-Nota ta' Spjegazzjoni għall-NPA b'memorandums ta' spjegazzjoni dettaljati għall-Part-FCL u l-Part-Medical, kif ukoll tabelli ta' kontrollreferenza bejn il-JAR-FCL 1, 2 u 3 u l-proposti ppreżentati fl-NPA.
 - L-NPA 2008-17b kien fih l-abbozz ta' proposti għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (RI) u l-AMC u l-Materjal ta' Gwida relatati għall-ħruġ ta' liċenzji tal-bdoti (Part-FCL).
 - L-NPA 2008-17c kien fih l-abbozz ta' proposti għar-RI u l-AMC u l-Materjal ta' Gwida relatati għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti (Part-MED).
5. Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju (RIA) għall-Part-FCL kienet ippubblikata fl-aħħar ta' Ottubru 2008, bħala l-NPA 2008-22f, u kienet miftuħa għal konsultazzjoni sal-15 ta' April 2009.
6. Minħabba l-ammont ta' kummenti li ġew irċevuti, u skont il-programm ta' ħidma stabbilit mill-Aġenzija bi qbil mal-Kummissjoni u l-Bord ta' Tmexxija, ġie deċiż li d-Dokument ta'

¹ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1).

² Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

³ Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija li tikkonċerna l-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' opinjonijiet, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida ("Proċedura ta' Regolamentazzjoni"), EASA MB 082007, 13.6.2007.

Reazzjoni għall-Kummenti (CRD) għall-NPA 2008-17 għandu jinqasam u jiġi ppubblikat f'fażijiet.

7. Fir-reviżjoni u l-għoti tat-tweġibiet għall-kummenti u t-tweġiq tal-bidliet neċessarji għat-test tal-NPA, l-Aġenzija kienet appoġġjata mill-grupp ta' reviżjoni FCL.001⁴. Dan il-grupp inħoloq b'konformità mal-Proċedura ta' Regolamentazzjoni u kien jinkludi l-membri tal-grupp ta' abbozzar prinċipali FCL.001, kif ukoll esperti oħrajn mill-Aġenzija, l-NAAs u l-industrija, li kienu involuti fil-fażi inizjali ta' abbozzar. L-Aġenzija straħet ukoll fuq kompetenza addizzjonali kull meta l-kumplessità tal-kwistjonijiet kienet teħtieġ dan, u kif inhu enfasizzat f'xi każijiet fl-Anness II għas-CRD għall-NPA 2008-17b.
8. Is-CRD għall-NPA 2008-17b (Part-FCL) kien ippubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija fid-9 ta' April 2010. Il-kummenti kollha rċevuti għall-NPA 2008-17b kienu rikonoxxuti u inkorporati fil-partijiet differenti tas-CRD, kif xieraq, flimkien mar-reazzjonijiet tal-Aġenzija.
9. Is-CRD għall-NPA 2008-17b kien miftuħ għal reazzjonijiet minn partijiet interessati għal perjodu ta' xahrejn, kif stabbilit fil-Proċedura ta' Regolamentazzjoni. Sad-data tal-għeluq tad-9 ta' Ġunju 2010 għas-CRD għall-NPA 2008-17b, l-Aġenzija rċeviet ammont totali ta' 534 reazzjoni mingħand 'il fuq minn 200 kummentatur, inklużi Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni, organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet ġenerali tal-avjazzjoni li ma jagħmlux profitt, kumpaniji privati u persuni individwali. Ir-reazzjonijiet kollha rċevuti għas-CRD għall-NPA 2008-17b kienu rikonoxxuti u kkunsidrati għall-abbozzar finali tal-Opinjoni għar-"Regoli ta' Implimentazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-bdoti".

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

10. Ir-Regolament Bażiku jawtorizza lill-Kummissjoni biex tadotta r-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku u r-rekwiżiti essenzjali għall-ħruġ ta' liċenzji tal-bdoti li għandhom jirriflettu l-aħħar teknoloġija, inklużi l-aqwa prattiċi u l-progress xjentifiku u tekniku fil-qasam tat-taħriġ għall-bdoti.
11. L-Opinjoni preżenti fiha l-proposti tal-Aġenzija għar-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolament Bażiku li jikkonċerna l-ħruġ ta' liċenzji tal-bdoti kollha involuti fl-operat tal-inġenju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 4(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Bażiku, u ċ-ċertifikazzjoni tal-edukaturi u l-eżaminaturi involuti fit-taħriġ u l-iċċekkjar ta' dawk il-bdoti. Dawn il-proposti huma bbażati fuq ir-rekwiżiti ta' JAR-FCL 1 u 2, l-Istandards u l-Prattiċi Rakkomandati tal-Anness 1 tal-ICAO u wkoll fuq ir-regolamenti nazzjonali eżistenti.
12. L-Opinjoni tkopri l-liċenzji kollha tal-ajruplani u l-ħelikopters u l-klassifikazzjonijiet li kienu inklużi fil-JAR-FCL 1 u 2. Minbarra dan, hija tinkludi proposti għal:
 - liċenzji ġodda għal kategoriji oħrajn ta' inġenji tal-ajru: sailplanes, blalen tal-arja, airships u inġenji tal-ajru bil-mutur;
 - Liċenzja ġdida tal-Bdoti ta' Inġenji tal-Ajru Ħfief (LAPL) għal bdoti involuti f'operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru mhux kumplessi b'massa massima għat-tluq (MTOM) sa 2000 kg;
 - klassifikazzjonijiet ġodda għal attivitajiet speċifiċi: il-klassifikazzjonijiet ta' rmonk tas-sailplane u ta' rmonk tal-banners tas-sailplane, il-klassifikazzjoni ajrubatika, il-klassifikazzjoni tal-muntanja, u klassifikazzjonijiet għal bdoti li jwettqu testijiet tat-titjir tal-kategoriji 1 u 2.

⁴ Il-kompożizzjoni tal-grupp ta' reviżjoni tista' tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija taħt <http://easa.europa.eu/rulemaking/comment-response-documents-CRDs-and-review-groups.php>.

13. It-test propost f'din l-Opinjoni jirrifletti l-bidliet magħmula fil-proposti inizjali tal-Aġenzija (kif ippubblikati fl-NPA 2008-17b) bħala riżultat tal-konsultazzjoni pubblika (kif ippubblikata fis-CRD għall-NPA), kif ukoll xi bidliet li saru biex jirriflettur reazzjonijiet irċevuti għas-CRD.
14. Ġew irċevuti total ta' 534 reazzjoni fuq is-CRD. Id-distribuzzjoni tar-reazzjonijiet fir-rigward tas-Subpartijiet differenti hija murija fit-tabella 1 hawn taħt.




Tabella 1: Distribuzzjoni tar-reazzjonijiet fuq is-CRD

Ingliż	Malti
Number of reactions (total 534)	Numru ta' reazzjonijiet (total 534)
Number of reactions	Numru ta' reazzjonijiet
Explanatory Note	Nota ta' Spjega
Cover Regulation	Regolament ta' Kopertura
Subpart A	Subparti A
Subpart B	Subparti B
Subpart C	Subparti C
Subpart D	Subparti D
Subpart E	Subparti E
Subpart F	Subparti F
Subpart G	Subparti G
Subpart H	Subparti H
Subpart I	Subparti I
Subpart J	Subparti J
Subpart K	Subparti K

Appendices 1-9	Appendiċijiet 1-9
AMC material	Materjal AMC
GM	GM
Other	Oħrajn

15. Wara evalwazzjoni bir-reqqa tar-reazzjonijiet irċevuti, ġew applikati l-bidliet li ġejjin fit-test tas-CRD:
- bidliet editorjali, standardizzazzjoni tat-test u kwistjonijiet ta' kjarifika;
 - bidliet li kienu relatati ma' kummenti għall-NPA li kienu aċċettati mill-Aġenzija, iżda fejn il-bidliet korrispondenti fit-test tħallew barra mis-CRD;
 - titjib fit-test li ġie miżjud fis-CRD, wara l-kummenti rċevuti fuq l-NPA; u
 - bidla fit-test li jikkonċerna l-limitazzjoni tal-privileġġi tad-detenturi ta' liċenzji ta' blalen tal-arja, sailplanes, inġenji tal-ajru bil-mutur u airships, fl-età ta' bejn 60 u 65 sena, u li huma involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru (FCL.065), wara l-kummenti u r-reazzjonijiet għas-CRD u sabiex ir-regola tiġi allinjata mal-prattiċi f'diversi Stati Membri.
16. B'referenza għall-punt 15. a. fuq, il-bidliet editorjali kienu meħtieġa minħabba li r-reazzjonijiet għas-CRD kif ukoll il-qari tal-provi fl-Aġenzija wrew inkonsistenzi fit-test fis-CRD. Eżempji ta' dawn il-bidliet huma:
- l-użu standardizzat ta' abbrevjazzjonijiet bħat-tibdil ta' "touring motor glider" b'"TMG", "approved training organisation (organizzazzjoni tat-taħriġ approvata)" b'"ATO", "multi-crew co-operation (koperazzjoni b'aktar minn ekwipaġġ wieħed)" b'"MCC", "Simulatur" u "simulatur tat-titjir" b'"FFS", "eżaminatur tat-titjir" b'"FE", eċċ.;
 - l-użu standardizzat ta' ittri kapitali bħat-tibdil minn "Sezzjoni" għal "sezzjoni", minn "Paragrafu" għal "paragrafu" iżda wkoll minn "din il-parti" għal "din il-Parti", eċċ.;
 - l-istandardizzazzjoni ta' terminoloġija bħat-tibdil ta' "simulatori" jew "simulatori tat-titjir (FS - Flight Simulators)" b'"FFS", "awtorità" b'"awtorità kompetenti", "powered-lift" b'"powered-lift aircraft", "Part-OPS" b'"rekwiżiti applikabbli ta' operazzjonijiet bl-ajru", eċċ.
17. B'referenza għall-punt 15. c. fuq, ir-reazzjonijiet irċevuti wasslu għal xi bidliet:
- Subparti A: id-definizzjoni 'Cruise relief co-pilot' ġiet emendata. Id-definizzjoni ġiet miżjudha fis-CRD wara l-kummenti lill-NPA. L-Aġenzija mbagħad irċeviet għadd numeruż ta' reazzjonijiet għal din id-definizzjoni l-ġdida u qisithom bħala argumenti siewja għall-kjarifika tat-test.
 - Subparti B: FCL.110.S ġiet emendata biż-żieda ta' rekwiżit għal titjira waħdanija ta' 50 km li taqsam il-pajjiż għal-LAPL(S).
 - Subparti Ċ:
 - kjarifika li d-detentur ta' PPL jista' jaġixxi bħala instructor għal rimunerazzjoni anki għal klassifikazzjonijiet u ċertifikati inklużi fil-PPL jew l-LAPL;
 - id-daqsijiet tal-oqfsa tal-blalen tal-arja ġew ikklassifikati mill-ġdid.
 - Subparti J:
 - FCL.905.FI ġiet emendata sabiex testendi l-privileġġi tal-Instructor tat-Titjir (Flight Instructor - FI) biex jaġgħti struzzjonijiet tat-titjir għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' ċertifikat ta' Instructor tal-Muntanji (Mountain Instructor - MI) u ta' Instructor tat-Taħriġ Sintetiku (Synthetic Training Instructor - STI)

- e. Appendiċijiet 1 – 9:
- i. L-Appendiċi 3 jkopri r-rekwiżiti għall-korsijiet ta' taħriġ għall-ħruġ ta' CPL u ATPL. Għe miżjud paragrafu addizzjonali mal-kapitolu 'A. ATP kors integrat – Ajruplani' sabiex ikun konformi mal-kapitolu 'B. CPL/IR kors integrat – Ajruplani':

"(f) 5 sigħat li għandhom jitwettqu f'ajruplan iċċertifikat għall-ġarr ta' mill-inqas 4 persuni li għandu skrun varjabbli bis-snien tal-ingranaġġ u attrezzatura li tidħol u toħroġ għall-inżul." Din il-formulazzjoni għet aċċettata għall-kapitolu 'B. Kors integrat ta' CPL/IR – Ajruplani' wara li ntbagħtu l-kummenti lill-NPA. Ir-reazzjoni qalet li minħabba l-fatt li ż-żewġ korsijiet ta' taħriġ iwasslu bażikament għall-istess liċenzja, jiġifieri CPL/IR (A), u li t-taħriġ prattiku huwa identiku għaż-żewġ korsijiet ta' taħriġ, il-paragrafu msemmi fuq għandu jiġi miżjud ukoll mal-kapitolu 'A. Kors integrat tal-ATP – Ajruplani';
 - ii. L-appendiċi 7 jkopri r-rekwiżiti tal-ittestjar għat-test tal-ħiliet għall-ħruġ ta' Klassifikazzjoni ta' Strument. Għet irċevuta reazzjoni li tgħid li ċerti entrati fil-lista ta' verifika tal-entrati għandhom jiġu referenzjati b'°, li tindika li dawn l-entrati °għandhom jitwettqu b'referenza unika għall-istrumenti'. Din il-bidla kienet diġà maqbula mill-grupp ta' reviżjoni FCL.001 matul ir-reviżjoni tal-NPA, iżda s-CRD ma ġiex emendat kif xieraq qabel il-pubblikazzjoni;
 - iii. L-appendiċi 9 jkopri t-taħriġ, it-test tal-ħiliet u l-kontroll tal-profiċjenza għal MPL, ATPL, il-klassi u l-klassifikazzjonijiet tat-tip, u l-kontroll tal-profiċjenza għall-klassifikazzjonijiet tal-istrumenti. Fl-appendiċi 9, A. tal-paragrafu 6, il-kliem dwar it-tul ta' żmien tal-verifika ġie emendat. Ir-reazzjonijiet għas-CRD irrimarkaw li r-referenza għall-użu ta' Simulaturi ta' Titjira Sħiħa (FFS) għall-kontroll ma kinitx konformi mal-JAR-FCL u t-tul ta' żmien tal-verifika ma kienx jidher li huwa adegwat għal ċerti tipi ta' testijiet jew verifiki. Għalhekk, l-obbligu tal-użu tal-FFS kull meta jkunu disponibbli kien imsaħħaħ, u t-tul ta' żmien tat-test jew tal-verifika għall-IR u l-klassi ta' bdot wieħed jew il-klassifikazzjonijiet tat-tip inbidel għal 60 minuta.
18. B'referenza għall-punt 15. d. fuq, b'kunsiderazzjoni kemm tal-kummenti rċevuti lill-NPA kif ukoll tar-reazzjonijiet għas-CRD, u wara analiżi ulterjuri tal-Anness 1 tal-ICAO, 2.1.10 u JAR-FCL 1 u 2, l-Aġenzija reġgħet ikkunsidrat dan il-paragrafu u ddeċidiet li tbiddu għal ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru. Il-kummenti u r-reazzjonijiet rilevanti talbu t-tneħħija kompleta tal-limitazzjoni tal-privileġġi kummerċjali bejn l-etajiet ta' 60 sa 64 sena għal sailplanes, blalen tal-arja, airships u inġenji tal-ajru bil-mutur. L-argumenti ewlenin kienu li r-regola tal-ICAO tkopri biss it-titjiriet internazzjonali, li r-regoli tal-irtirar fl-Ewropa ma jkopru lil dawn il-bdoti li jkollhom jieqfu jtajru l-ajruplani fl-età ta' 60 sena minħabba li huma qegħdin itajru ajruplani bi bdot wieħed f'operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru u li, f'xi Stati Membri, il-bdoti tal-blalen tal-arja mhumiex sottomessi għal xi limitu ta' età skont ir-regolamenti nazzjonali. L-Aġenzija ddeċidiet li żżomm ir-rekwiżiti skont l-Anness 1 tal-ICAO għall-kategoriji tal-ajruplani u l-ħelikopters billi dawn kienu diġà rregolati fil-JAR-FCL 1 u 2 u li tippermetti għall-kategoriji l-oħrajn kollha l-eżerċizzju tal-privileġġi fl-operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru sal-età ta' 65 sena mingħajr ebda restrizzjoni. Il-limitu ta' 65 sena għall-operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru nżamm għall-bdoti kollha għal raġunijiet ta' konsistenza mal-Anness 1 tal-ICAO, u meta wieħed iżomm f'moħħu li r-rekwiżit tal-ICAO huwa bbażat ħafna fuq analiżi tar-riskji għas-sigurtà. Il-bidla msemmija fuq tirrappreżenta differenza għall-Anness 1 tal-ICAO u l-Istati Membri għandhom ikunu konxji li huma għandhom jissottomettu differenza lill-ICAO fuq din l-entrata.
19. Minbarra l-bidliet imsemmija fuq, l-Aġenzija rċeviet reazzjonijiet fuq il-kontenut tal-Appendiċijiet 1 - 9 minn żewġ gruppi ta' partijiet interessati importanti:

- a. organizzazzjoni li tirrappreżenta grupp ta' linji tal-ajru. Din l-organizzazzjoni talbet li l-kontenut tal-Appendiċijiet 1 – 9 għandu jiġi trasferit lill-AMC sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw AMCs alternattivi għall-implimentazzjoni tat-taħriġ ibbażat fuq il-kompetenza u fuq l-evidenza, u l-iċċekkjar immedjatament wara t-tlestija tad-dokument tal-ICAO relatat;
- b. organizzazzjoni li tirrappreżenta grupp ta' bdoti tal-linji tal-ajru. Din l-organizzazzjoni talbet li l-kontenut tal-Appendiċijiet 1 – 9 għandu jibqa' fit-test dwar ir-regoli sabiex jiġi evitat li t-taħriġ, l-ittestjar u l-iċċekkjar tal-bdoti jsegwu regolamenti differenti fl-Istati Membri differenti billi jikkunsidraw dan bħala theddida għas-sigurtà.

L-Aġenzija hija involuta b'mod attiv fil-ħidma tal-ICAO fuq it-taħriġ ibbażat fuq il-kompetenza u l-evidenza u tirrikonoxxi l-importanza ta' dan il-metodu ta' taħriġ ġdid, filwaqt li tappoġġja l-implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, id-dokument futur tal-ICAO sejjer ikopri metodi ta' taħriġ, ittestjar u iċċekkjar għal kollox ġodda li sejrin iħallu impatt fuq is-sett sħiħ tar-regolamenti korrispondenti u jirriżultaw f'bidliet kbar. Dan għandu jiġi indirizzat f'kompitu ta' regolamentazzjoni separat li diġà kien introdott fil-Programm ta' Regolamentazzjoni skont il-Proċedura ta' Regolamentazzjoni. Għal din ir-raġuni, u wkoll sabiex tinżamm konformità mar-regolamenti preżenti, l-Aġenzija għalhekk iddeċidiet li żżomm il-kontenut tal-Appendiċijiet 1 - 9 fir-regola.

20. Xi reazzjonijiet fuq is-Subpartijiet B u Ċ qegħdin jiffokaw fuq l-akkreditazzjoni jew l-aċċettazzjoni tal-ħin tat-titjir fuq inġenji tal-ajru msemmija fl-Anness II sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-data riċenti jew tal-akkreditazzjoni għal-LAPL jew il-PPL. L-Aġenzija hija konxja li hemm bżonn ta' kjarifika ta' din il-kwistjoni u li din sejra tiġi inkluża fil-kompitu ta' regolamentazzjoni FCL.002.

Cologne, is-26 ta' Awwissu 2010

P. GOUDOU

Direttur Eżekuttiv